



17.12.2009

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0811/2009, imressqa mis-Sa Haberbosch, ta' nazzjonalità Ġermaniża, dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE rigward iċ-ċinturini tas-sigurtà fix-xarabanks u l-kowċis

1. Sommarju tal-petizzjoni

Tifel żgħir weġġa' f'Thuringia meta x-xarabank tal-iskola twaqqfet f'salt minħabba li persuna miexja fit-triq qabdet u qasmet it-triq minkejja li d-dawl kien aħmar. Il-ġenituri ressqu petizzjoni quddiem il-kumitat għall-petizzjonijiet federali Ġermaniż fejn talbu li ssir reviżjoni tar-rekwiżiti għax-xarabanks tal-iskola sabiex dawn jibdew ikunu armati biċ-ċinturini tas-sikurezza. Il-kumitat għall-petizzjonijiet federali Ġermaniż spjega l-leġiżlazzjoni fis-seħħ u l-qsim tar-responsabilitajiet għall-implimentazzjoni tagħha u rrefera l-kwistjoni lura lill-awtoritajiet reġjonali (Länder), ladarba r-responsabilità kienet tagħhom. Il-kumitat għall-petizzjonijiet ta' Thuringia eżamina l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u qies li Thuringia ma kinitx kisret il-liġi. Dan il-kumitat iddeċieda li jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, presumibbilment biex l-interpretazzjoni tiegħu tkun ikkonfermata.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-12 ta' Ottubru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-17 ta' Diċembru 2009.

Il-Kummissjoni tixtieq tesprimi s-simpatija tagħha lit-tifel li weġġa' fl-inċident tax-xarabank deskritt mill-petizzjonanta, u anke lill-ġenituri tiegħu.

Il-petizzjonanta tqajjem żewġ kwistjonijiet:

- l-ewwel mistoqsija: jeżisti obbligu, skont il-liġi tal-UE, sabiex ix-xarabanks tal-iskola jkunu mgħammra biċ-ċinturini tas-sigurtà?

- it-tieni mistoqsija: jekk dan huwa l-każ, huwa obbligatorju li tużahom?

Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija is-sitwazzjoni hija kif deskritt hawn taħt:

Skont id-Direttiva 2005/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ li temenda d-Direttiva 77/541/KEE, huwa obbligatorju li jkun hemm hemm ċinturini tas-sigurtà f'dawk ix-xarabanks fejn kull passiġġier għandu joqgħod bilqiegħda tul il-vjaġġ u fejn ma jiġix provdut spazju fejn passiġġieri jistgħu joqgħdu bilwieqfa. Din id-dispożizzjoni tapplika irrispettivament min-natura tal-attività tat-trasport.

Id-Direttiva 2005/40/KE tapplika għal tipi ġodda ta' vetturi li bdew jintużaw fit-toroq fl-20 ta' Ottubru 2006 u għall-vetturi l-ġodda kollha li bdew jintużaw fit-toroq fl-20 ta' Ottubru 2007. Minkejja dan, hija ma tirrikjedix li ċinturini tas-sigurtà jiġu installati f'xarabanks li bdew jintużaw fit-toroq qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva fl-20 ta' Ottubru 2005.

Huwa importanti ħafna wkoll li jiġi ċċarat li xi Stati Membri rrikjedew li jiġu installati ċinturini tas-sigurtà f'xarabanks meta huma ttrasponew fil-liġi nazzjonali d-Direttiva tal-Kunsill 96/36/KE tas-17 ta' Ġunju 1996 li temenda d-Direttiva 77/541/KEE, li jfisser li bosta xarabanks kienu diġà ġew mgħammra biċ-ċinturini tas-sigurtà mill-1 ta' Ottubru 1999.

B'kunsiderazzjoni ta' dak li ntqal hawn fuq, it-tieni mistoqsija hija relevanti biss għal xarabanks li ġew mgħammra biċ-ċinturini tas-sigurtà skont kif ġiet emendata d-Direttiva 77/541/KEE. Fir-rigward tagħhom, fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-użu obbligatorju taċ-ċinturini tas-sigurtà u sistemi li jżommu lit-tfal bilqiegħda fil-vetturi², hemm stipolat li l-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi l-okkupanti kollha tal-età ta' tliet snin u fuqhom fil-vetturi M2 u M3 (xarabanks b'iktar minn 8 postijiet) fl-użu għandhom jużaw is-sistemi tas-sigurtà provduti waqt li jkunu bilqiegħda. Għalhekk, dan l-obbligu ma japplikax għal passiġġieri li ma jkunux bilqiegħda waqt li x-xarabank tkun għadha mixja. Minn kif ġie mfisser il-każ attwali mhuwiex ċar jekk it-tifel inkwistjoni kienx bilqiegħda jew le. Iktar minn hekk, skont l-Artikolu 6, inċiż 6, "l-Istati Membri jistgħu (...), bil-qbil tal-Kummissjoni, jikkonċedu eżenzjonijiet (...) għalbiex iqisu l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu tal-vetturi M1 u M2 għat-trasport lokali fiż-żoni urbani u dawk mibnija, li fihom [il-persuni] ikunu permessi [joqogħdu] bilwieqfa". Il-Kummissjoni awtorizzat lill-Ġermanja tikkonċedi din l-eżenzjoni. (Deċiżjoni C tal-Kummissjoni (2008) 434 tat-8 ta' Frar 2008). Għalhekk, sakemm tali vetturi jiġu użati bħala xarabanks tal-iskola fil-Ġermanja, m'hemm l-ebda obbligu li jintużaw iċ-ċinturini tas-sigurtà, anke jekk huma mgħammra f'dawn ix-xarabanks.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni m'għandhiex l-informazzjoni meħtieġa dwar is-sitwazzjoni konkreta li ssemmiet mill-petizzjonanta biex tkun tista' tevalwa jekk, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli

¹ Direttiva tas-7 ta' Settembru 2005, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur; ĠU L 255/146 of 30.9.2005.

² Kif emendata minn Direttiva 2003/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' April 2003.

tal-UE, kienx hemm hteġa li jkun hemm ċinturini tas-sigurtà mgħammra fix-xarabank, u jekk dan huwa il-każ, jekk kienx obligatorju li jintużaw. B'mod partikolari dan jiddependi mit-tip ta' xarabank inkwistjoni, minn kemm għandha żmien u mir-rilevanza tad-deroga mogħtija lill-Ġermanja għal dan il-każ speċifiku.

Minkejja dan, anke jekk id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kummissjoni ma japplikawx f'dan il-każ, il-Petizzjoni tidher li qed tindika li fil-Ġermanja huwa possibbli li jiġu introdotti tali rekwiżiti għal xarabanks tal-iskola jew għal xarabanks li huma użati biss għat-trasport tat-tfal għall-iskola u mill-iskola b'kuntratt mal-kumpanija tat-trasport konċernata.